# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Frar tas-sena 2001.**

**Numru 13**

**Avviz numru 1318/00/SM**

**Michael Attard Limited**

**vs**

**Eugenio u Natalie konjugi Camenzuli**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u tmienja u tletin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (LM338.76) rapprezentanti import ta' sitt kambjali skaduti, accettati u ffirmati minnhom;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici fil-konfront ta' Natalie Camenzuli sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma deheritx, la fit-18 ta' Jannar tas-sena 2001 meta gew**

**ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta Natalie Camenzuli.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**